# Ivvota 1

# Ralph Cassar

## Ħ'Attard

**Serjetà, esperjenza, viżjoni**



**Jiswielek.**

www.adpd.mt
info@adpd.mt

**Dr. Ralph Cassar — lecturer tal-kimika u x-xjenza, dottorat fl-edukazzjoni mill-Università ta' Glasgow.**

Għandi esperjenza twila bħala membru tal-Kunsill Lokali, elett erba' darbiet. Għalhekk qed nerġa noffri s-servizzi tiegħi lejn Ħ'Attard aħjar. Ħdimt ma' kull min xammar il-kmiem, ikkritikajt fejn hemm bżonn, dejjem fl-interess ta' Ħ'Attard u l-viżjoni tiegħi mnebbħa minn prinċipji politiċi Ħodor u favur il-komunità. Nopponi l-politika tal-gvern ċentrali li jdgħajjef lill-Kunsilli Lokali biex iżommu kontroll f'idejhom il-Ministri. Il-Kunsilli mhux *customer care* tal-gvern, lanqas m'għandhom jiddependu mill-karità tal-Ministri.

**Il-prijoritajiet tiegħi għal Ħ'Attard:**

**Serjetà.** Ninsisti fuq responsabbiltà finanzjarja, jiġifieri li l-Kunsill Lokali ma jidħolx għal xogħol jew proġetti li ma jkunux sostenibbli finanzjarjament.

**Ekoloġija.** Naħdem fuq pjan għall-immaniġġjar ta' siġar urbani u tħawwil b'mod professjonali direttament f'konok fl-art. Huwa fatt magħruf li s-siġar f'żoni urbani jgħinu biex tissaffa l-arja, joħolqu tarka kontra l-istorbju ġej mit-traffiku u jnaqqsu l-effetti tas-sħana fis-sajf.

**Komunità.** Naħdem favur it-tisħiħ tas-servizz tal-librerija pubblika u biex fil-librerija l-ġdida jittellgħu attivitajiet kulturali. Nappoġġja lill-għaqdiet Seraċini fl-organizazzjoni ta' attivitajiet li jsaħħu s-sens ta' komunità.

**Riċiklaġġ.** Naħdem biex issir kampanja ta' informazzjoni dwar ir-riċiklaġġ u t-tnaqqis tal-iskart. Insaħħaħ inizjattivi bħal 'Ekofesta', 'Swapshop', 'freecycling' u 'thrifting'.

**Toroq.** Inkompli nippromwovi l-użu tar-roti, toroq aktar sikuri u aktar spazji għan-nies; favur bankini aċċessibbli għal kulħadd. Nesplora l-possibilità li aktar toroq, speċjalment fiċ-ċentru storiku jiġu pedestrijanizzati jew minn żmien għal żmien l-aċċess għalihom bil-vetturi jkun ristrett. It-toroq residenzjali għandhom ikunu ta' kulħadd u siguri għal kulħadd, kemm għal min jimxi kif ukoll għal min jagħmel użu mir-rota. Għaldaqstant l-veloċità massima fit-toroq residenzjali għandha tkun ta' 30 kilometru fis-siegħa.

**www.ralphcassar.green**
**www.adpd.mt/kunsilli-lokali-2024**
**cassarralph@gmail.com**
**Whatsapp +356 99894962**

I am Ralph Cassar, the candidate for AD+PD, the Maltese Green Party. I have already served on the local council before and I am offering my services again. My priorities are: an urban tree planting and management plan; people friendly residential streets; strengthening the service provided in the new public library and working on waste reduction initiatives. I have the experience and the vision to make a difference.
Vote number 1 for the Greens.